# Il-Pont tal-Ħadid ġewwa l-Menqa

*minn Walter Glynn*



Wieħed mill-persuni li kien verament iħobb il-Marsa kien bla dubju Walter Glynn. Niftakru sew dejjem b'xi kamera tar-ritratti f'idu lest biex jieħu dak l-avveniment jew dak il-mument partikolari li jmur fl-istorja ta' dan il-lokal tant għażiż għalih. Kien jirrakkuntali l-ammont kbir ta' ritratti li għandu u li kien jgħożż. Xi kultant kien joħroġ xi ftit minnhom u dawn kienu jintużaw għal xi publikazzjoni f'diversi għaqdiet.

Meta ġie nieqes sfortunatament dawn ir-ritratti jew tifkiriet għebu ukoll. Min banda jiddispjeċik għax hekk tintilef parti mill-istorja tal-Marsa. Bħal dawn il-persuni llum tgħoddhom fuq ponot subajk. Jekk fadal tlieta jew erbgħa persuni li għandhom dawn it-tifkiriet. Anzi imn'alla hawn l-Għaqda Storika u Kulturali li żżomm il-ġrajjiet tal-Marsa mill-aħjar li tista'. Iżda biex ma ntawwalx xtaqt noħrog dan l-artiklu xejn xejn b'tifkira lill-Wally kif kienu jafuh il-ħbieb tiegħu u familjari fosthom ħbieb tal-qalb Silvio u Carol Mercieca.

F'dan l-artiklu qed jiġi trattat parti mportanti mill-istruttura antika tal-Menqa li sallum hemm moll imsemmi għalih li huwa il-Moll Tal-Pont, eżattament fejn isorġi l-Klabb tar-Regatta. Hija parti mill-istorja tagħna li missierijietna kien jużaw biex itaffu xi ftit mit-tbatija tagħhom.

Meta fl-1866 kien tlesta x-xogħol fil-Port il-kbir, wieħed seta' jara fejn ġew imwaqqfa d-dwana u l-imħażen. Kien hemm ukoll bosta negozjanti li kienu bnew djar, fabbriki u mħażen, ta' min isemmi li l-Port il-Kbir kien kollu mdawwar b'mollijiet u skallijiet, kollox kien jidher sabiħ. Għalkemm dik l-abra tal-faħam qatt ma naqset, xi wħud minn dawk l-imħażen fejn kien jinżamm lejn in-naħa ta' Pintu u lejn in-naħa ta' Ċejlu. Illum dawn m'għadhomx jeżistu. Dan ġara minħabba żviluppi li seħħew dan l-aħħar fil-Port il-Kbir, iżda maż-żmien dan il-faħam aktar beda riesaq lejn il-Menqa anzi nistgħu ngħidu, li sa ftit taż-żmien ilu, il-ħażna tal-faħam kienet kollha fuq l-art ta' fejn dari kien jeżisti l-iskall. Dan kien sar sabiex aktar ikun qrib il-*Power Station* tal-Marsa. Barra minn hekk, din l-istess abra tal-faħam għadha fostna sal-lum iżda lilna n-nies tal-Marsa, għalhekk isibuna bil-faħam xorta konna u għadna kburin.

Fi żmien li kienu ġew imwaqqfa l-imħażen u t-tined għall-

ħażna tal-Merkanzija, kienet ukoll inħasset il-ħtieġa li wara li sar il-*breakwater* fil-Menqa kienet inħasset il-ħtieġa li jsir xi forma ta' Pont. Infatti kien sar il-Pont tal-Ħadid u li dan kien jagħti min-naħa ta' *Flagstone Wharf* għan-naħa ta' *Bridge Wharf*. Dan kien ġie mwaqqaf l-aktar għal dawn in-nies li kienu jaħdmu fl-inħawi tax-Xatt u l-Menqa flok li kienu joqogħdu jduru d-dawra kollha tal-Menqa. Jingħad li dan il-Moll tal-ħadid kien ġie minn barra żarmat u ntrama fuq il-post taħt id-direzzjoni ta' l-Inġinier Fredrick Jones, mid-ditta Salvatore Bezzina tal-Marsa, wara li tlesta u ġie mqiegħed f'postu.

Kienet saret is-soltu ċeremonja fejn kienu attendew għadd kbir ta' mistednin fosthom personalitajiet distinti. Sar qari u tberik u wara sar il-ftuħ permess ta' tliet daqqiet tal-Martell li dan kien magħmul minn injam tal-Qastan. Dan it-tip ta' martell jiġi użat ħafna waqt xi rkant mill-irkantatur u hu ukoll magħruf bħala 'is-Subastra'. Dan il-pont kull meta kienet tinħass il-ħtieġa kien jinfetaħ minn wieħed mill-ħaddiema tax-Xatt, permess ta' l-imradd, min-naħa ta' *Flagstone Wharf*. Lejn in-naħa ta' *Bridge Wharf*, il-post magħruf ta' Ġakkinu. Dan l-aktar li kien jinfetaħ meta xi wħud mill-braken kien ikollhom tagħbija ta' merkanzija għolja jew meta kienu jidħru d-dgħajjes tal-Latini minn Għawdex. Dawn kienu jidħru l-aktar biex jgħabbu l-ixkejjer tad-dqiq u tas-siment u merkanzija oħra. Dan il-Pont tal-Ħadid kien maqsum fi tliet partijiet. Il-Parti tan-nofs tiegħu l-aktar kienet wiesa', kienu jgħaddu minnha karrettuni.

Fl-imgħoddi l-biċċa l-kbira tal-ġarr tal-merkanzija kien isir l-aktar mill-karrettuni. Infatti nsibu wkoll li l-biċċa kbira jużaw dan il-pont sabiex iqassru t-triq barra minn hekk, fil-ġnub tal-Pont kien hemm passaġġi minn fejn kienu jaqsmu nies minn naħa għal oħra u b'hekk ilkoll kienu jiffrankaw dik id-dawra kollha bil-mixi.

Id-dehra tal-Pont kien tassew fiha għaxqa ta' spiss kont taraħ imdawwar b'ħafna karrettuni u bhejjem. Kont tara lil kulħadd minn jgħabbi u minn iħott u xi kultant, tinstema xi għanja l-hemm u 'l hawn. L-aktar ħaġa li kienet tolqotni kienet meta jasal iż-żmien għall-esportazzjoni tal-patata. F'dan il-perjodu, madwar il-Menqa, kont tara moviment kbir. Kienet ukoll waħda mill-isbaħ xeni li wieħed seta' jara. Ħafna huma dawn li għadhom jiftakru kif kienet tiġi esportata l-patata. Din kienet tiġi esportata f'krietel magħmulha apposta għaliha sa minn kmieni filgħodu kont tisma', u tara karrettuni għaddejjin fi triqthom lejn ix-Xatt fil-Marsa. Mal-wasla tagħhom kienu jersqu mall-moll, biswit il-braken li kien ikun hemm fil-Menqa, lesti għat-tagħbija. Wara kienu jersqu l-laneċ ta' rmonk u jinġibdu dritt għall-vapur fejn wara jitgħabbew għas-safar. Tajjeb li wieħed jgħid illi, qabel ma kien isir il-ħatt tal-Patata minn fuq il-karrettun, din kienet l-ewwel tiġi ċċekjata u wara tiġi reġistrata min uffiċjal tad-dwana. Bħala riċevuta għall-kartell tal-Patat, kien jingħata ċomba daqs 10 ċentezmi tal-lum.

Wara li kienu jgħaddu xi ġranet, dawn is-sidien tal-patata kienu jmorru sabiex jitħallsu iżda l-ewwel kienu jmorru għand ir-reġistratur hemm imbagħad kienu jippreżentaw iċ-ċomba biex ikunu jistgħu jitħallsu.

Tajjeb li wieħed isemmi illi fuq din iċ-ċomba kien ikun hemm iktub l-inizzjali tal-aġent li kien ikkunsinna l-patata tiegħu.

